TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Fl-atti tat-Talba CCT 181/22/F

**Carmen Zammit**

**vs**

**J.J. Scerri Co. Ltd. – Centro Casalinga**

Illum, 26 ta' Ġunju, 2023

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba pprezentat mir-Rikorrenti nhar it-30 ta' Novembru 2022 kif ukoll id-dokumentazjoni annessa;

Ra r-Risposta ippreżentata mill-azjenda intimata fit-3 ta' Frar 2023;

Sema' x-xhieda bil-ġurament tar-Rikorrenti Camen Zammit kif ukoll ta' Michael Scerri u Gianfranco Dei Giudici għall-azjenda intimata waqt is-seduta tal-24 ta' April 2023;

Sema' s-sottomissjonijiet tal-Partijiet;

Ra li t-talba tħalliet għas-sentenza.

**Ikkonsidra:**

Illi permezz tat-Talba tagħha, ir-Rikorrenti qed titlob li tiġi rifuża s-somma ta' **sitt mija u erbgħin Euro (€640.00)** mill-azjenda intimata rappreżentanti l-valur ta' *fridge freezer* li hija xtrat mingħand l-azjenda intimata **jew inkella li l-istess *fridge freezer* tiġi sostitwita.**

Illi mill-banda l-oħra, fir-Risposta tagħha l-azjenda intimata tiddefendi l-pożizzjoni tagħha a bażi ta' fatti u in suċċint issostni li minn diversi spezzjonijiet li saru fuq il-*fridge freezer* in kwistjoni, dejjem instab li kienet qed taħdem tajjeb u li r-Rikorrenti dejjem baqgħet tużaha tul iż-żmien kollu in kwistjoni.

Illi fix-xhieda tagħha, ir-Rikorrenti tispjega li hija kienet xtrat il-*fridge freezer* in kwistjoni f'Mejju 2021 u tilmenta li din il-*fridge freezer* għandha tendenza li trabbi silġa ħoxna f'naħa partikolari tal-*freezer*. Mill-bqija tgħid li l-*frige freezer* tkessaħ sewwa u qatt ma tħassar ikel fiha minħabba li ma tkessaħx. Tgħid li kienet ilmentat mal-azjenda intimata dwar il-problema tas-silġ diversi drabi u kien hemm erba okkażjonijiet fejn tekniċi ġew mibgħuta mill-azjenda initmata sabiex jispezzjonaw il-*fridge freezer*. Saħansitra kien hemm okkażjoni fejn ittieħdet fil-*workshop* għall-osservazzjoni aktar dettaljata.

Illi fix-xhieda tiegħu, Michael Scerri in rappreżentanza tal-azjenda intimata ikkonferma li fil-fatt kienu saru erba *service calls* fir-rigward tal-*fridge freezer* in kwistjoni. Jgħid li fl-ewwel żewġ calls ma nstab xejn filwaqt li fit-tielet, kien instab ftit silġ bejn il-bieba u l-kexxun tal-friża li skont ma spjega, jista' jkun dovut għall-fatt li l-bieba ma kienitx magħluqa sewwa jew inkella għamlet ħafna ħin miftuħa. Ikkonferma ukoll li f'Settembru 2022, il-*fridge freezer* kienet ittieħdet fil-*workshop* biex tiġi osservata fuq tul ta' ħin u irriżulta li kienet qed taħdem normali.

Illi l-azjenda intimata ressqet ukoll bħala xhud lil Gianfranco Dei Giudici, tekniku adett magħha, li spjega li huwa kien spezzjona l-*fridge freezer* fir-residenza tar-Rikorrenti f'Settmebru 2022 u skond ma ra hu, il-*fridge freezer* kienet qed taħdem normali.

Illi wara li qies sewwa l-provi kollha prodotti, inkluż il-verżjonijiet rispettivi mogħtija mill-partijiet u l-fatt li r-Rikorrenti tista' tgħid ma ġabet l-ebda provi oġġettivi in sostenn tal-ilment tagħha, it-Tribunal huwa tal-fehma konsiderata li l-ispjegazzjoni mogħtija mill-azjenda intimata hija l-aktar waħda attendibbli bejn it-tnejn fuq bażi ta' probabbilità. Irriżulta ukoll mill-provi, inkluż ix-xhieda tar-Rikorrenti, li l-*fridge freezer* in kwistjoni tkessaħ u li qatt ma tħassar ikel li kien mqiegħed fiha.

Għalhekk it-talba tar-Rikorrenti qed tiġi miċħuda.

TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**Deċiżjoni:**

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi jiċħadha.**

**Kull parti ġġorr l-ispejjeż tagħha.**

**Avv. Mattia Felice**
***Arbitru***